MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 448/2009

**Twin Spark Limited [C-17319]**

**Vs**

**Joseph Mamo [ID. Nru. 772455M] u
Alessandro Cilia [ID. Nru. 22110A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-11 ta' Gunju, 2009** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallasuha s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€3,494.06c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi titlob lil dana t-Tribunal tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsu s-somma ta' €3,494.06 lill-istess soċjetà attriċi rappreżentanti servizzi rezi mill-istess attriċi fuq il-karozza numru ta' reġistrazzjoni ABN-247 u dana flimkien ma' l-imghax legali u l-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 2855/09.

L-ammont mitlub gie ridott minn €3555.95c ghal €3,494.06 ai fini ta' kompetenza ta' dana t-Tribunal".

Ra **r-risposta tal-intimat Alessandro Cilia** minnu mressqa fil-25 ta' Novembru, 2009 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet attriċi in kwantu li huma dedotti kontrih huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrisulta fit-trattazzjoni;

2. Illi minghajr preġudizzju ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur u l-eccipjent stante li l-attur kien gie inkarigat minn Joseph Mamo biex jaghmel is-servizzi pretisi;

3. Illi l-eccipjent kien xtara karozza minn Joseph Mamo li kienet difettuża u ghalhekk l-istess Joseph Mamo kien ha fuqu stess ir-responsabbilita biex jirranga l-vettura kif jirrisulta mill-anness dokument X;

4. Illi hu m'ghandu ibaghti ebda spejjez ghal dawn il-proceduri u ghandu jiġi liberat minn kull talba;

5. Salvi eċċezzjonijiet ohra u bl-ispejjez".

Ra **r-risposta tal-intimat Joseph Mamo** minnu mressqa fit-3 ta' Novembru, 2009 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta attriċi u dana stante illi meta l-esponenti kien ha l-karozza ghat-tiswija, dana kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti ghal stima ta' kemm kienet ser jiġu jiswew it-tiswijiet u dan kien qallu illi ma kienx hemm spejjez kbar u li ma kellhomx jitilghu ghal iktar minn €1,500.

Illi pendenti x-xoghol fuq il-vettura, s-socjeta attriċi qatt ma ghamlet kuntatt mal-konvenut sabiex tavvertieh illi l-

ispejjez kienu ser jitilghu iktar mid-doppju ta' l-istima oriġinali.

Illi meta tlestew ix-xogholijiet u l-esponenti kien irċieva telefonata biex imur jiġbor il-karozza ghaliex ix-xoghol fuqha kien tlesta, dan ta' l-ahhar kien staqsa lill-mekkanik Ralph, x'kienu l-ispejjez biex ihallsu dak il-hin u dana kien qallu biex jiehu l-karozza u jirranġaw iktar 'il quddiem ghaliex kellu jara xi karti u jaghmel il-kontijiet. Sa dak il-mument, l-istess Ralph qatt ma ta' indikazzjoni jew hjiel illi l-kont kien ser johrog iktar mid-doppju ta' dak oriġinarjament stmat.

Ghalhekk jinghad illi qatt ma kien hemm l-offerta mis-socjeta attriċi u l-accettazzjoni mill-konvenut ghas-servizzi rezi u li ghalihom qed jintalab il-hlas u se mai dan it-Tribunal ghandu jghaddi sabiex jikkundanna lill-esponenti jhallas is-somma miftehma ta' €1,500 u xejn iktar.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri"

Ra l-verbal datat 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' €3,494.06, liema somma hija dovuta ghal xogholijiet u servizzi rezi minnha fuq inkarigu ta' l-intimati ghar-rigward tal-vettura bil-pjanca ta' reġistrazzjoni ABN-247. L-intimat Alessandro Cilia qal li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn ma dan il-kaz. Spjega li huwa kien xtara din il-vettura minghand l-intimat l-iehor Joseph Mamo u wara li kien xtraha, irriżulta difett fiha li ma kienx jaf bih. L-intimat Joseph Mamo ghalhekk aċċetta li jsewwi dan id-difett a spejjez tieghu. Da parti tieghu, l-intimat Joseph Mamo jghid li huwa kien ha din il-vettura ghat-tiswija ghand is-socjeta rikorrenti u li meta

talabhom ghal stima, l-addetti taghha qalulu li l-ispiza kellha tkun ta’ madwar €1,500. Meta imbaghat mar jiġbor din il-vettura wara li kienu saru x-xogholijiet neċessarji fuqha, l-mekkanik qalu biex jiehu l-vettura in kwistjoni u li ma setax jaghtih il-kont dak il-hin peress li kien hemm xi karti li ried jarahom qabel ma jaghtih il-kont. Sussegwentement l-intimat gie nfurmat li l-ispiza kienet ta’ €3,555.95c u huwa ma aċċettax dan il-kont. Izid ighid li tul iz-zmien kollu li l-vettura kienet ghat-tiswija, hadd mis-socjeta rikorrenti ma cempillu u qallu li l-istima li kienet inghatat ma kienitx ghada tajba u li l-ispiza kienet ġejja d-doppju ta’ dak li ftehmu. Ghalhekk, filwaqt li huwa jammetti li kellu jhallas is-somma ta’ €1,500 lis-socjeta rikorrenti ma jaqbilx li jhallas l-ammont reklamat l-ghaliex ighid li huwa qatt ma ftiehem maghha fuq tali ammont.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tal-20 ta’ April, 2010, s-socjeta rikorrenti pprezentat żewġ affidavits, wiehed ta’ Justin Darmanin u iehor ta’ Leslie Mirasole. Justin Darmanin qal li fi Frar u Marzu tas-sena 2009 “*Major mechanical repairs were carried out, consisting of the removal and disassembly of the destroyed engine and the total rebuilding and fitting of a replacement engine on Alfa Romeo 166 bearing registration number ABN-247*” (fol. 25). Zied ighid ukoll li meta l-intimat Mamo ha l-vettura ghand is-socjeta rikorrenti, huwa ma talab l-ebda stima u qatt ma hallas flus ghal dawn ix-xogholijiet li saru. Qal ukoll li l-intimat Mamo qal li kien ser ihallas l-ammont dovut meta s-socjeta rikorrenti taghtih il-kont. Fir-rigward ta’ l-intimat Cilia, x-xhud ighid li dan kien imur ta’ spiss fil-garaxx tas-socjeta rikorrenti “*... urging us to complete the Works as quickly as possible*” (fol. 25). Qal li “*Mr. Alessandro Cilia stated on many occassions that if Mr. Joseph Mamo known as ‘ic-Ciniz’ does not pay the bill, he would do so himself as he would deduct the amount from what he owed Mr. Joseph Mamo known as ‘ic-Ciniz’* ” (fol. 5-26). Din l-istqarrija, l-intimat Cilia ghamilha, dejjem skond dan ix-xhud, “*... during the carrying out of the repairs, when Mr. Cilia collected the car once the Works were*

*completed, as well as in subsequent visits*" (fol. 26). Ix-xhud qal li dawn il-fatti jafhom personalment l-ghaliex saru fil-presenza tieghu u ta' Ralph Cordina fil-garaxx tas-socjeta rikorrenti li jinsab fl-11, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann. **Ix-xhud Leslie Mirasole** ikkonferma dak li qal ix-xhud preċedenti Justin Darmanin.

3. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2010 **xehed Ralph Cordina**, direttur tas-socjeta rikorrenti. Huwa qal li s-socjeta rikorrenti issewwi l-vetturi u timporta l-*ispare parts*. L-ispecjalizzjaoni tieghu hija fuq vetturi Taljani. Qal illi "*... darba fost l-ohrajn kien gie ghandi l-konvenut Joseph Mamo b'karozza li kienet qed tinġarr minn van, u din il-karozza kienet Alfa 166; nghid illi hu kien ilmenta u qalli li kellu xi problemi fil-magna, u meta ftahna din il-vettura sibna li din il-magna kienet distrutta ghal kollox*" (fol. 30). Ix-xhud ighid li wara li kien zarma l-magna, l-intimat Mamo beda jfittex magna ohra iżda imbaghad, peress li ma intsabitx wahda u peress li s-socjeta rikorrenti kellha diversi *spare parts* huwa beda jghaqqad il-magna flimkien. Zied ighid li qabel ma beda ix-xoghol, huwa ma kellu l-ebda ftehim dwar kemm kienu ser jiġi jiswa x-xoghol. L-intimat Mamo "*qalli u talabni biex inġib il-magna tahdem*" (fol. 30). Ix-xoghol fuq il-magna dam gimghatejn b'kollox. Filwaqt li l-intimat Mamo "*... kien jiġi darba f'gimgha mqar fuq il-post, però il-konvenut l-iehor kien jiġi prattikament anke tliet darbiet kull jum*" (fol. 30).

Ix-xhud qal li ġieli sar diskors quddiemu li l-intimat Cilia kellhu jhallas l-ispejjez tal-*clutch* filwaqt li l-intimat l-iehor kellu jhallas l-ispejjez tal-magna "*... però mbaghad Cilia gie li kien jghidli li kemm-il darba ma jasalx biex ihallsu Mamo kien jiggarantili li kien ser ikompli jhallas l-ispejjez hu*" (fol. 30).

Meta l-vettura nġabret minn Cilia, wara li kien tlesta x-xoghol, dan l-intimat "*... hallasni tal-klacc biss, u baqa isosstni li jekk kemm-il darba ma jhallasnix Mamo kien ser ihallasni hu*" (fol. 30). Ix-xhud esebixxa kopja tal-fattura tax-xogholijiet li saru, liema fattura ġiet immarkata bhala dok. TSL 1. (fol. 33 et seq). Skond ma jirrizulta minn din il-fattura, l-ammont dovut kien ta' Lm1,526.57c pari ghal

€3,555.95c. Ix-xhud ighid ukoll li l-ispejjez in konessjoni mal-*clutch* ma humiex inklużi fil-fattura esebita.

In kontro-ezami, qal li huwa wasal ghal konklużjoni li l-magna tal-vettura in kwistjoni kienet skaduta meta huwa zarma l-magna kompletament. Ix-xhud jichad li huwa qatt iddiskuta ma' l-intimat Mamo kemm kienu ser jiġu jiswew l-ispejjez ghal din il-magna u "*qatt ma kont ghedtlu li x-xoghol ma kienx ser ikun aktar minn seba mitt lira jew tmien mitt lira Maltin*" (fol. 31). Kull ma kien jghidlu l-intimat Mamo kien sabiex iżomm l-ispejjez kemm jista jkun baxxi. Mistoqsi jekk huwa jaghtix informazzjoni lill-klijenti tas-socjeta rikorrenti dwar kemm kienu ser jiġu l-ispejjez ghat-tiswija tal-vetturi b'mod ġenerali, ix-xhud wieġeb u qal li "*... mhux dejjem naghti nformazzjoni ta' l-istima tax-xogholijiet li nkun ser naghmel peress li gie li jkolli klijenti li ilhom jahdmu mieghi u allura jafdawni b'ghajnejhom maghluqa*" (fol. 31).

Ralph Cordina stqarr ukoll li x-xogholijiet li kellhom isiru ghar-rigward tal-magna tal-vettura in kwistjoni kienu gew miftehma biss ma l-intimat Mamo. L-intimat Cilia qatt ma kienx preżenti f'xi okkazzjoni meta kien ikun hemm l-intimat l-iehor Mamo u gew diskussi l-hsarat li kien fiha l-magna. Ix-xhud qal li "*Cilia kien jiġi bhala s-sid tal-vettura biex jara x-xogholijiet kienu qed isiru fuqha*" (fol. 31). Fil-fatt il-fattura li ghandha x'taqsam max-xogholijiet fuq il-magna inharget f'isem l-intimat Mamo biss. Ghar-rigward tal-*clutch,* huwa qal li kien informa lil intimat Cilia b'dan il-fatt u kien l-istess intimat Cilia li talbu biex ibiddlu. Ta' dan, kienet inharget fattura separata fuq isem l-intimat Cilia li thallset. Ix-xhud ikkonferma ukoll li "*... Cilia kien qalli li hu kellu jaghti lil Mamo, u jekk ihallas lili mbaghad kien inaqqas minn dak li ghandu jaghti lil Mamo*" (fol. 31). Ix-xhud gie mistoqsi dwar dak li qal li l-intimat Cilia kien qallu li huwa kellhu jaghmel tajjeb ghal ispejjeż jekk l-intimat l-iehor Mamo ma jhallasx ghal magna, u qal li "*wara li kienet bdiet il-kwistjoni nghid illi Cilia kien sema' illi kien iffirma xi kambjalijiet u qabel ma jhallasni jrid illi jekk ihallasni jrid jiġbor dawk il-kambjali minn ghand Mamo*" (fol. 32).

Meta gie mistoqsi x'inhi r-raguni ghar-rigward tad-differenza bejn iz-zewg fatturi esebiti f'dan il-process, ix-xhud qal li "*l-ahhar item hija block head crank for rods plus piston oil PU*" (fol. 68). Ighid li ghalhekk hemm din id-differenza ta' elf u mitejn ewro bejn kont u iehor. Dan l-ammont kien soġġett ghan-negozjati bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat Joseph Mamo. Qal ukoll li l-vettura li huwa tah kien fiha l-parts li ghadu kif semma' u li minghajrhom il-magna ma kienitx setat issir. Ix-xhud ighid ukoll li huwa kien lest li jnaqqaslu xi haġa minn dan il-kont li kieku Mamo kien ihallas tal-parts. B'referenza ghad-dokument immarkat bhala JM 1, ix-xhud ighid li l-*items* kollha imsemmija f'dan id-dokument kienu kollha mehtiega sabiex il-magna tal-vettura in kwistjoni tkun tista tahdem. In ri-ezami imbaghad ix-xhud kompla jispjega li minghajr l-ahhar *items* li hemm fid-dok. TSL 1 (a fol. 333) tal-process il-vettura ma kienitx tahdem.

4. Fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2010 xehed **Stephen Cachia**, rappreżentant ta' Transport Malta. Huwa qal li l-vettura tat-tip Alfa Romeo bil-pjanca ta' reġistrazzjoni numru ABN-247 fil-prezent tinsab reġistrata fuq isem l-intimat Alessandro Cilia u ilha hekk reġistrata sa mill-10 ta' Novembru, 2008. Mir-ricerki li saru ma rrizultax li l-intimat Joseph Mamo qatt kien is-sid ta' din il-vettura u li s-sid ta' qabel l-intimat Cilia kienet is-socjeta Paul & Rocco Limited tal-Gzira.

5. Gie ppreżentat l-affidavit ta' **Malcolm Farrugia** xhud ta' l-intimat Joseph Mamo. Huwa beda biex qal li jqatta hafna hin fix-showroom ta' l-intimat Mamo li jinsab f'Valley Road, Birkirkara. Qal li meta l-intimat Mamo kien ha din il-vettura ghand is-socjeta rikorrenti ġewwa l-garaxx taghha f'San Gwann, huwa kien qieghed jakkumpanja lill-intimat Mamo. Qal illi meta l-intimat Mamo kien staqsa lil Ralph [Cordina] x'kellha bżonn il-magna ta' l-Alfa, l-istess Ralph kien qallu li "*... kien hemm bżonn illi jinbidlilha s-cylinder head u l-blokka tal-magna. Qallu wkoll illi wara kien ser jitfa sett rings u bronzini u gaskets ġodda w l-magna kienet tiġi pinna*" (fol. 49).

Ix-xhud ikompli jghid li meta qallu hekk, l-intimat Mamo irrispondieh u qallu li "*... huwa kien sab jixtri magna 'second hand' b'Lm450 dak iz-zmien u kien qallu illi fil-kaz kien jixtri lilha u titqieghed fl-Alfa 166*" (fol. 49). Ikompli jghid li "*dak il-hin Ralph irrispondih illi kien iktar jaqbel nitfghu s-cylinder head u l-blokk li kellu hu fil-garage tieghu sabiex dawn jiġu armati gol magna li kellha fiha l-Alfa 166*" (fol. 49). Skond dan ix-xhud, Ralph Cordina kien qallu li jekk l-intimat kellhu jgiblu din il-magna, huwa xorta wahda kellhu joqghod izzarmaha biex jara x'fiha u qallu li jekk jimxi kif qallu hu (cioe Ralph Cordina) huwa kien ser imur ahjar "*u jiffranka l-ispejjez*" (fol. 49). Ix-xhud qal ukoll li l-intimat Mamo kien staqsa lil Ralph Cordina kemm kienet ser tiġi tiswa din l-ispiza u dan ta' l-ahhar wieġbu li "*... l-bicca xoghol kollha ma kenitx ser tiġih iktar minn Lm700*" (fol. 49). Qal ukoll li l-intimat Mamo aċċetta dan u qallu sabiex jissostitwixxi s-*cylinder head* u l-blokka b'dawk *second hand* li kienu jinsabu ghandu (cioe Ralph Cordina) u li r-*rings*, l-bronzini u l-*gaskets* kellhom isiru ġodda u dan ghal prezz miftiehem ta' Lm700 pari ghal €1,630.56c.

6. Fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011 **xehed l-intimat Joseph Mamo**. Huwa qal li kien biegh il-vettura tat-tip Alfa 166 lil wiehed Taljan u kien tah garanzija ta' sitt xhur. Wara xi tlett xhur, dan l-individwu kien mar ikellmu u qallu li l-vettura ma kienitx qeghda tahdem u huwa qallu li ma kellhux ghalfejn jinkwieta ghax kien ser jiehu hsieb hu. Ikompli jghid li huwa ha din il-vettura ghand is-socjeta rikorrenti sabiex taghmel it-tiswijiet neċessarji. Meta l-addett tas-socjeta rikorrenti, Ralph Cordina, eżamina din il-vettura, huwa sab li kien hemm xi problemi bil-magna. L-intimat ikompli jghid li huwa beda jfittex ghal magna ohra sabiex "*... jekk fil-kaz li l-ispejjez kienu jammontaw ghal aktar minn hemm* [recte: hekk] *allura kien valla pena li din il-magna tiġi mibdula*" (fol. 51). Meta kellmu Ralph Cordina, huwa gie nfurmat li l-magna kellha problemi kbar fis-*cylinder head* u meta l-intimat kien qallu li kien ra magna b'Lm450, huwa gie nfurmat minn Ralph Cordina li kellu magna ohra ta' Alfa Romeo u li ghalhekk din il-magna setat tiġi nstallata f'din il-vettura. Meta imbaghad Ralph Cordina infurmah kemm kienu ser jiġu l-ispejjez

(Lm750), huwa kien qal lil dan Cordina li kien ikun ahjar li kieku jixtri dik il-magna li kien sab u din tiġi nstallata fuq il-vettura li kien hadlu fil-garaxx tieghu. Minhabba l-insistenza ta' Cordina, l-intimat ighid li huwa aċċetta li jaghmel dak lilu suggerit u cioe li juża l-magna tas-socjeta rikorrenti.

L-intimat ikompli jghid li wara li kien tlesta x-xoghol fuq din il-vettura, kienu ċemplulu mis-socjeta rikorrenti u qalulu li l-vettura kienet lestha. Hekk kif mar jiġbor din il-vettura huwa inghata kont datat 10 ta' Marzu, 2009, liema kont gie eżebit u mmarkat bhala dok. JM 1 (fol. 53). Skond dan il-kont, l-ammont dovut kien ta' Lm1,002.03c pari ghal €2,334.10c. L-intimat ikompli jghid li huwa ma hallasx dan l-ammont peress li "*... qabel kien issuggerieli li x'aktarx l-ammont kien ser ikun ta' cirka ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) jiena kont dispost li sabiex naslu naghtih seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750)*" (fol. 52).

Mistoqsi dwar il-kont li hemm esebit a fol. 32 (dok. CSL 1), l-intimat qal li huwa qatt ma rċieva dan il-kont u li l-uniku kont li irvcieva kien dak li esebixxa huwa stess.

Meta gie suggerit lilu li dan il-kont ma kienx fih l-ispejjez tar-*replacement* tal-magna, l-intimat qal li "*... dan kien fih kollox u cioe tal-labour, tal-parts u kif ukoll ta' l-installazzjoni tal-magna*" (fol. 52).

In kontro-ezami, l-intimat Mamo jghid li l-magna ma kellhiex ghalfejn tinbidel iżda kull ma kellha bżonn kienu li jinbidlu xi *parts* minnha. Huwa qal ukoll li kien dispost li jixtri magna *second hand* minghand haddiehor u jghaddieha lis-socjeta rikorrenti biex tinstallaha fil-vettura li kien hadilha, iżda minhabba l-insistenza ta' Ralph Cordina, huwa ma ghamilx hekk. Dwar l-istima, huwa qal li ma kienx talab lis-socjeta rikorrenti biex taghtiehlu bil-miktub u dan peress li kien ilu s-snin jsewwi l-vetturi ghandu. Minn verifiki li ghamel l-intimat ma Coleiro ta' Birkirkara, huwa gie nfurmat li b'erba' mitt ewro (€400) kien jibqalu l-bqija.

Ikkunsidra;

7. Mill-provi processwali jirrizulta li l-intimat Mamo kien biegh vettura tat-tip Alfa Romeo 166 lil intimat l-iehor Alessandro Cilia. Xi żmien wara li kien sar dan il-bejgh, inqalet xi hsara fil-vettura u l-intimat Cilia ha din il-vettura ghand l-intimat Mamo peress li din kienet ghada taht garanzija. Mamo jirrizulta li kien qal lil Cilia li huwa kellu jiehu hsieb jirranġa din il-vettura. Fil-fatt, Mamo ha din il-vettura fil-garaxx tas-socjeta rikorrenti sabiex tissewwa. Sa hawn jidher li hemm qbil mal-fatti. Il-punt ta' diverġenza huwa dwar il-kwistjoni ta' l-ispejjez u dan fis-sens li l-intimat Mamo kien staqsha lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kemm kienu ser jiġu l-ispejjez biex din il-magna tissewwa. L-intimat ighid li l-addett tas-socjeta rikorrenti kien qallu li t-tswijiet ma kellhomx ikunu aktar minn seba' mitt liri Maltin (Lm700) filwaqt li l-addetti tas-socjeta rikorrenti jghid li ma kien hemm l-ebda ftehim. L-intimat Mamo fir-risposta tieghu jghid li huwa dispost li jhallas dan l-ammont minnu msemmi però mhux lest li jhallas dak li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti l-ghaliex huwa qatt ma ftiehem fuq dak il-prezz.

8. Minn eżami taz-zewg dokumenti li gew esebiti u cioe dok. TSL 1 (fol. 33 et seq) u dok. JM 1 (fol. 53 et seq) jidher li l-unika differenza bejn iz-zewg fatturi, apparti d-dati hija li fil-fattura mmarkata bhala dok. TSL 1 hemm inkluż ukoll il-"*BLOCK/HEAD/CRANK/4RODS+PIST/OIL PU*" (fol. 35). Din l-ahhar fattura hija datata 22 ta' Jannar, 2010 filwaqt li l-ewwel wahda hija datata 10 ta' Marzu, 2009.

9. Skond id-dokument JM 1 il-prezz totali (inkluż il-VAT) kien ta' €2334.11, filwaqt li fit-tieni dokument TSL 1 il-prezz totali (inkluż il-VAT) huwa ta' €3,555.95c. Id-differenza hija ta' €1,221.84c. Madanakollu, l-intimat Mamo qabel, u dan anke skond ma qal fir-risposta tieghu ghat-talba tas-socjeta rikorrenti li kien lest li jhallas is-somma ta' €1,500[1].

[1] Proprjament, l-intimat Mamo jsemmi s-somma ta' Lm750 li konvertiti f'euro jiġu €1,747.03c (ara fol. 52).

10. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti, f'dan il-kaz mit-Tribunal, lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[2]"

[2] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira**

11. Inghad ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta’ April, 2007 illi in materja ta’ provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta’[4].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta’ l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik

---

**et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta’ April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].

12. Illi "*ma hemm ebda motiv fil-ligi l'ghaliex ghandha tigi eskluza a priori t-testimonjanza ta' persuna wahda u hu veru wkoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mholli lil arbitrju prudenti tal-gudikant li ma ghandu isegwi ebda kriterju iehor hlief dak tal-konvinzjoni intima tieghu, jigifieri tac-certezza morali; però r-raguni naturali trid illi meta ma jkunx hemm hlief it-testimonjanza ta' persuna wahda il-gudikant ghandu jipprocedi bi prudenza kbira fl-apprezzament taghha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta c-cirkostanzi kollha proprji biex jikkorroboraw jew jindebolixxu affievolixxu l-motivi tal-kredibilitá tieghu*[6]".

Ikkunsidra ulterjorment;

13. Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li meta l-intimat Mamo mar fil-garaxx tas-socjeta rikorrenti, huwa kien kellem lid-direttur ta' l-istess socjeta rikorrenti Ralph Cordina u hemm talbu sabiex jghidlu kemm kienet ser tigi tiswieh ir-riparazzjoni tal-magna tal-vettura li kien hadlu. L-intimat Mamo huwa *dealer* tal-karozzi u allura ma huwiex xi bniedem principjant u jifhem fil-karozzi. It-Tribunal jifhem li bniedem ta' l-esperjenza ta' l-intimat kien ser jitlob stima tal-hsarat, aktar u aktar meta huwa kien bih din il-vettura lill-intimat l-iehor Cilia u allura kellu kull interess li jzomm l-ispejjez baxxi kemm jista jkun l-ghaliex kull ammont li kien ser ihallas, kienu ser jonqsulu mill-profit li Mamo kien ghamel mill-bejgh ta' l-imsemmija vettura. Ix-

---

[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

[6] **Rosa armla minn Spampinato-Tabone noe vs Joseph Falzon**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fil-11 ta' Dicembru, 1964;

xhieda ta’ Malcolm Farrugia tikkorrabora l-verzjoni ta’ l-intimat ghar-rigward ta’ l-istima. Ghalkemm iz-zewg xhieda l-ohra li resqet is-socjeta rikorrenti u cioe Justin Darmanin u Leslie Mirasole jghidu li huma qatt ma semaw lill-intimat Mamo jitlob xi stima lid-direttur tas-socjeta rikorrenti, t-Tribunal jifhem li Farrugia kien ma Mamo meta dan ha l-vettura u beda jaraha Cordina, filwaqt li Darmanin u Mirasole kienu prezenti waqt li bdew isiru x-xogholijiet fuq din il-vettura u allura huma ma kienux prezenti ghad-diskors li kien intqal meta ittiehdet din il-vettura l-ewwel darba fil-garaxx tas-socjeta rikorrenti.

14. Illi ukoll, il-buon sens kien jindika, anke jekk ma kienitx giet mitluba stima, li s-socjeta rikorrenti tavza lill-intimat Mamo kemm kienu ser jigu l-ispejjez. Ma taghmilx sens li karozza *second hand* u li kellha certu ammont ta’ zmien (9 snin u nofs skond ir-rapprezentant ta’ Transport Malta) jsirulha €3,555.95c spejjez fuqha.

15. Illi ghalhekk, it-Tribunal, huwa tal-fehma li galadarba jirrizulta, fil-fehma tieghu li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet kemm kienu ser jiswew it-tiswijiet, r-rikorrenti missu avza lill-intimat bl-ispejjez addizzjonali li kien hemm bzonn li jsiru biex il-vettura tkun tista tahdem u tinstaq. Ta’ dan in-nuqqas tahti biss is-socjeta rikorrenti.

16. Dan it-Tribunal huwa ukoll moghni bis-setgha li jiddeċiedi bl-ekwita u fil-fehma tat-Tribunal, dan huwa proprju kaz car fejn ghandha tapplika din ir-regola. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-**subartikolu (1) ta’ l-artikolu 7 tal-Att Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)** jinghad li:

*“7 (1) It-Tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita:*

*Izda, f’kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skond il-ligi”.*

17. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Sultana vs Tonio Schembri pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-

Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Jannar, 2012 per Imhallef Dr. Raymond C. Pace inghad li:

"*Illi dan ifisser li l-principju tal-ekwita' huwa bazilari fid-decizjonijiet li ghandu jaghti l-istess Tribunal, u ghalhekk ghandu japplika l-istess u dan fuq kollox f'kull pendenza li jkun hemm quddiemu, b'dan li ghandu jara, li kemm jista'jkun issir gustizzja bejn il-partijiet, u dan imur necessarjament lill-hinn mill-kuncetti stretti tal-ligi, anke fejn dawn huma ta' interpretazzjoni stretta*".

18. Imbaghad il-**paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 9 tal-Kap. 380** jistipula li gudikatur –

*(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;*

19. Kif inhu risaput, dak li hu ekwu necessarjament huwa gust u l-ekwita hi proprju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. Huwa veru wkoll illi l-ekwita timporta l-uzu ta' l-arbitriju diskrezzjonali izda biex dan l-istrument decizjonali jkun tabilhaqq effettiv ma jridx lanqas jivvjola n-normi pozittivi tal-gustizzja, sew procedurali in kwantu ghall-oneru tal-provi, sew sostantiv, in rigward ghar-rekwiziti bazici fil-materja in dizamina[7].

20. Inghad ukoll, fil-kawza **Vella vs Micallef**, illi:

*"Certament, mill-perspettiva legali l-kompetenza funzjonali tat-Tribunal kienet hekk takkordalu l-uzu prexxelt tad-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380]. Jekk, imbaghad, kienx hekk gustifikat fil-fattispeci li kellu jaghmel din hi kwestjoni ohra. Sufficit li f'dan l-istadju jigi sottolinejat b'mod generali illi ghalkemm is-sinjifikat ekwitativ skond il-precitat artikolu jimplika valutazzjoni libera u elastika jibqa' l-fatt illi hu dejjem doveruz li jitharsu wkoll dawk id-*

[7] Ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fl-ismijiet **Martin Paul Vella vs Chris Micallef;**

*disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali in kwantu dawn, fejn applikabbli, ma humiex lanqas derogabbli jekk joffru soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja ghal dawk li huma l-aspetti specifici tal-fattispeci konkreti".*

21. Ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ghandu jaqta u jiddeciedi "*kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita"* u "*ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta*" – huwa ghandu jhares ukoll id-disposizzjonijiet tad-dritt pubbliku dettati fl-interess generali l-ghaliex inkella wiehed jista jasal biex fil-kazijiet quddiem it-Tribunal ma jkunx hemm certezza ta' dritt l-ghaliex kollox jkun jiddependi mill-valutazzjoni libera u elastika tal-gudikatur in kwistjoni.

22. It-Tribunal jifhem li l-interess tas-socjeta rikorrenti kien li taghmel ix-xoghol u li taghmlu sewwa. Fil-fatt, meta d-direttur tas-socjeta rikorrenti gie mistoqsi jekk xi hadd ilmentax mieghu dwar ix-xoghol li sar fuq il-vettura jew jekk din regghetx ittiehdet lura ghandhom, huwa wiegeb fin-negattiv. Ghalhekk, ikun gust u ekwu li s-socjeta rikorrenti tinghata kumpens ghax-xoghol li ghamlet fuq l-istess vettura, li minghajru din il-vettura ma setatx tintuza mill-intimat Cilia. F'dan ir-rigward, oltre l-ammont maqbul mill-intimat Mamo ta' Lm750 pari ghal €1,747.03, it-Tribunal qieghed jillikwida ammont ulterjuri ta' €252.97c sabiex l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti jigi elfejn euro (€2,000) ghad-dritt u dan kif diga inghad fuq bazi ta' ekwita.

23. Ma jidhirx li l-intimat Cilia kellhu ghalfejn jitharrek u dan peress li mix-xhieda tas-socjeta rikorrenti stess, l-invoice kienet harget fuq l-intimat Mamo, u t-Tribunal qieghed isib li l-imsemmi intimat Mamo ghandu jhallas is-somma ta' elfejn euro (€2,000) lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, l-intimat Cilia qatt ma kellhu jitharrek f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jehles mill-gudizzju lill-intimat Alessandro Cilia, qieghed jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Joseph Mamo kull fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż u qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000) u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Joseph Mamo jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn euro (€2,000) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-intimat Alessandro Cilia ghandhom jiġu sopportati esklussivament mis-socjeta rikorrenti, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandu jissaportihom l-intimat Joseph Mamo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------